# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-14 ta' Dicembru, 2001

**Numru 39**

**Avviz numru 535/01DM**

**Maruti Motors Lilmited**

**vs**

**John u Silvia konjugi Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tliet mija u tnejn u ghoxrin liri maltin u hamsin centezmi (Lm322.50) ta' somma dovuta skond sitt (6) kambjalijiet (028 sa 033) iffirmati mill-istess konvenuti li kopja taghhom giet esebita, liema kambjalijiet skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April, 2001 kontra il-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici;

Ghaldaqstant billi lanqas ma dehru biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni ghas-seduta tallum; it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi is-somma ta’ tliet mija tnejn u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm322.50c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mis-27 ta’ April, 2001; b’dan illi l-atturi ikunu awtorizzati illi jghaddu ghall-esekuzzjoni tas-sentenza wara li jkunu ipprezentaw l-kambjalijiet originali permess ta’ nota fl-atti ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va